# RIFLESS IL-QAMAR

Kont taf li l-Qamar ma jipproduċix id-dawl tiegħu għalkemm fid-dalma tal-lejl narawh jiddi kollu bjuda? Aħna naraw id-dija tal-Qamar għaliex dan jkun qed jirrifletti d-dawl tax-Xemx. Kull meta nieħdu gost nħarsu lejn id-dawl tal-qamar inkunu qed napprezzaw il-kapaċità li għandu l-qamar li jirrifletti l-glorja, il-qawwa u d-dawl tax-Xemx. Bħall-Qamar, aħna wkoll msejħin biex nirriflettu d-dawl uniku u veru tad-dinja.

- **Ħu ftit ħin biex taħseb kif tista' tirrifletti d-dawl ta' Alla f' dak kollu li tgħid u tagħmel fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.**
- **Ħu biċċa fojl u rrombla f'ballun. Issa ħu t-torċ u ixgħela faċċata tal-ballun tal-fojl biex b'hekk dan ikun jista' jirrifletti d-dawl tagħha.**
- **Issa tista' titlob lil Alla jgħinek biex f'dak kollu li tgħid u tagħmel tirrifletti id-dawl tiegħu.**